MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Appell Civili - Ghawdex Numru. 52/2014/1

**Salvu u Flavia konjugi Cassar**

**Vs**

**Alfred Mercieca**

Din hi decizjoni minn appell li pprezentaw il-konjugi Cassar minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fit-30 ta' Ottubru 2014 u li bih ikkundannat lill-konjugi Cassar sabiex ihallsu s-somma ta' €1164.69 bhala penali, wara li ddikjarat li kienu jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12 li bhala raguni ssemmi:

*"(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja".*

Mill-atti jirrizulta li:-

1. Fit-3 ta' April 2014 il-konjugi Cassar ipprezentaw rikors ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontra l-appellat Mercieca ghas-somma ta' €5,204.26 *"…. Bilanc dovut ghall-provista ta' fuel u merkanzija"*.
2. Fl-10 ta' April 2014 l-appellat ipprezenta rikors ghar-revoka tal-mandat peress li hu ma kienx il-legittimu kontradittur. Ir-rikors gie appuntat u fl-ewwel smiegh gie verbalizzat: *"Il-qorti wara li rat in-nota li biha r-rikorrenti irtiraw il-mandat, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu"*. In-nota ma tinsabx fl-atti.
3. Cassar intavola il-kawza ghall-jedd pretiz (8/2014) u b'nota prezentata fis-17 ta' Gunju 2014 irrinunzjaw ghaliha.
4. Fit-23 ta' Gunju 2014 l-appellat ipprezenta rikors u talab li jinhareg il-kontromandat u li l-qorti timponi penali fuq l-appellanti Cassar.
5. Fis-26 ta' Gunju 2014 Cassar talbu l-hrug ta' kontromandat (numru 112/2014). Dakinhar stess il-qorti laqghet it-talba.

Fid-decizjoni l-ewwel qorti qalet:-

*"… is-sekwestranti ghalkemm iddefendew id-dritt taghhom li jintavolaw dan il-mandat biex jissalvagwardjaw l-interessi taghhom u jallegaw li ma kienux jafu li s-servizzi taghhom kienu tawhom lill-kumpannija u mhux lis-sekwestrat personalment, baqghu ma taw ebda spjegazzjoni ghaliex ma rtirawx dan il-mandat tal-inqas fis-27 ta' Mejju 2014 kif kienu weghdu li ser jaghmlu fl-udjenza ta' dakinhar, u mhux joqghodu jistennew xahar shih iehor biex jaghmlu dan. F'tali cirkostanzi l-Qorti tqis dan l-atteggjament tas-sekwestranti bhala wiehed vessatorju fil-konfront tar-rikorrent prezenti"*.

L-aggravji tal-appellanti huma:

i. In-nullita tal-provvediment ghaliex l-okkju ma giex riportat kollu.
ii. Il-kaz taghhom ma kienx jimmerita l-applikazzjoni ta' penali.

L-appellat wiegeb billi sostna li ma kienx hemm ragunijiet validi li jwasslu ghar-revoka tad-decizjoni. Ippropona wkoll appell incidentali peress li l-qorti naqset milli tipprovdi dwar il-kap tal-ispejjez.

L-appellanti wiegbu ghall-appell incidentali li kienet id-diskrezzjoni tal-ewwel qorti li wasslitha ghal konkluzjoni li ma tatix provvediment dwar l-ispejjez.

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:-

1. Hu minnu li fil-provvediment tat-30 ta' Ottubru 2014, l-okkju jaqra: ***"Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 52/2014 fl-ismijiet: Salvu Cassar et vs Alfred Mercieca"***. Il-process kien bejn il-konjugi Cassar u Mercieca. Hu evidenti li r-riferenza "et" hi ghal Elaine Cassar. Il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nhareg ukoll fuq talba taghha. Fil-parti dispozittiva tal-provvediment il-qorti kkundannat lis-sekwestranti sabiex ihallsu penali lill-appellat. M'hemmx dubju li l-provvediment tat-30 ta' Ottubru 2014 inghata fil-konfront tas-sekwestranti.

2. Fil-meritu:-

(i) Hu evidenti li l-ewwel qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq 'il fatt li wara s-seduta tas-27 ta' Mejju 2014 l-appellanti ma talbux il-hrug ta' kontromandat.

(ii) Irrispettivament minn jekk fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2014 gietx prezentata nota jew le, dak li sehh f'dik is-seduta ma kienx bizzejjed sabiex jithassar il-mandat. Mandat jinhareg fuq ordni ta' qorti. Ir-revoka tieghu jehtieg ordni ohra ta' qorti ghall-hrug ta' kontromandat. F'kull kaz u ghall-grazzja tal-argument biss, jekk verament giet prezentata nota, m'hemmx prova li s-sekwestranti nnotifikawha lis-sekwestratarji.

(iii) Hu minnu li wara s-seduta tas-27 ta' Mejju 2014 ma kien hemm xejn x'izomm lill-appellat Cassar milli hu stess jitlob il-hrug ta' kontromandat. Min-naha l-ohra l-ghan wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju hu li jservi ta' garanzija ghas-sekwestrant fir-rigward tal-jedd pretiz minnu. Gialadarba ma kienx ghad ghandhom interess fil-mandat, l-appellanti kellhom l-obbligu li jitolbu l-hrug ta' kontromandat. Semplici dikjarazzjoni tas-sekwestrant m'hijiex bizzejjed biex jithassar mandat kawtelatorju. Hemm bzonn ordni ta' qorti. Irrizulta kif kien biss fis-26 ta' Gunju 2014 li l-appellanti talbu l-hrug ta' kontromandat, u dan wara li fil-25 ta' Gunju 2014 l-appellanti gew notifikati bit-tieni rikors ta' Mercieca (prezentat fit-23 ta' Gunju 2014).

(iv) L-appellanti jsostnu li kien biss fl-istadju meta giet prezentata t-twegiba fil-kawza 8/2014 u nghatat l-eccezzjoni li Mercieca ma kienx legittimu kontradittur, li d-difensur taghhom inghata dokumenti u tahom il-parir biex jirtiraw il-kawza. F'nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw quddiem l-ewwel qorti, qalu: *"L-esponenti, li ma humiex persuni legali, kellhom jigu spjegat illi jekk kienu kkuntrattaw ma' kumpannija, huma ma setghux jipprocedu kontra l-azzjonisti personalment"* (fol. 22). Kliem li fih innifsu jikkonferma kemm fir-realta' l-appellat ma kienx il-legittimu kontradittur. Pero' din ma tista' qatt isservi ta' skuza. Qabel

ipproponew it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru u l-kawza, l-appellanti kkonsultaw ma' avukat. Kien f'dak l-istadju li kellhom jaghtu t-taghrif lill-avukat u mhux jistennew sakemm jircievu t-twegiba ghall-kawza 8/2014. Mandat kawtelatorju jinhareg fuq ir-responsabbilta' ta' min jitolbu. Qabel ipprezentaw il-kawza, l-appellanti suppost kienu jafu ma' min kellhom relazzjoni guridika. Jekk kellhom xi dubju kellhom izommu lura milli jipprezentaw mandat kawtelatorju kontra l-appellat. Madankollu f'dan il-kaz jidher li l-provi li kienu ser jitressqu u wkoll provi li l-appellanti stess kellhom f'idejhom, kienu ser juru li r-relazzjoni guridika ma kenitx mal-appellat. Hekk biss il-qorti tista' tispjega 'l fatt li cedew il-kawza 8/2014. Fatt li fih innifsu juri li *prima facie* l-mandat kawtelatorju ma kellu qatt jintalab.

(v) Il-qorti tqies li m'hemm xejn stramb fir-ragunament li ghamlet l-ewwel qorti, li wara kollox ezercitat id-diskrezzjoni li tatiha l-ligi u mponiet penali minhabba li s-sekwestranti ma hadux hsieb li jitolbu l-hrug ta' kontromandat gialadarba ma kellhom pretensjoni kontra s-sekwestrat Mercieca. In-nuqqas tal-appellanti wassal sabiex il-mandat ta' sekwestru baqa' fis-sehh. Dwar l-imposizzjoni ta' penali, il-Qorti tal-Appell osservat:-

*"Dan qed jinghad ukoll ghaliex hu fatt illi s-subinciz 8 tal- artikolu 837* (Artikolu 836) *jipprovdi illi "Il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent" li jhallas penali, li verament hu ndikattiv ta' certa diskrezzjonalita moghtija lill-Qorti. Anke hawn pero' l-ewwel Qorti kienet tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta u kellha biss taghzel li ma timponix tali penali f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha. Dan proprju ghaliex penali ta' din ix-xorta hi mposta bil-ligi bhala mizura ta' ordni pubbliku biex tassigura serjeta' fil-process gudizzjarju u biex tassigura wkoll illi l-istitut tal-mandati kawtelatorji ma jigix abbuzat, kif facilment jista' jigi, bil-hsieb li jivvessa lill-allegat debitur. Fil-kaz taht ezami l-ewwel Qorti gustament dehirlha illi c-cirkostanzi ma kienux tali li setghu jiggustifikaw li hi ma tapplikax ir-rigur tal-ligi fil-konfront tal-appellant. "Jekk l-ewwel Qorti tkun akkordat it-talba ghall-kundanna ta' penali l-Qorti tal-Appell m'ghandhiex bhala regola tvarja l-ammont tal-penali kif fissat mill-ewwel Qorti u dan in forza tal-principju li fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-Qorti tal-ewwel istanza, l-Qorti tal-Appell ma tindahalx hlief f'kazi tal-vjolazzjoni tal-ligi jew ta' ingustizzja manifesta" (Volum. XXXVII.i.452)"* [**J. Rapa vs R. Sammut**, 13 ta' Marzu 2001].

(vi) Ghalkemm l-appellanti qalu li ma kienx hemm *mala fede* wara 'l fatt li ma nharigx il-kontromandat, in-negligenza ta' sekwestranti hi bizzejjed biex qorti timponi fuqu l-penali kontemplata fl-Artikolu 836(8). Negligenza li fil-fehma tal-qorti hi grossolana. Gialadarba fis-seduta

tas-27 ta' Mejju 2014 irrizulta bl-iktar mod evidenti li Cassar ma kienx ghad ghandhom interess fil-mandat kawtelatorju, kellhom jizguraw li jsir dak li hemm bzonn sabiex jinhareg il-kontromandat.

(vii) Il-qorti lanqas ma taqbel mat-tezi tal-appellanti li l-ghoti ta' penali *ai termini* tal-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 jezigi prova li s-sekwestrat sofra xi konsegwenza bil-mandat, per ezempju li jkunu nqabdu flus tas-sekwestrat. Il-ligi ma tghidx hekk. F'kull kaz fl-atti tal-mandat jirrizulta li l-Bank of Valletta plc baghat ittra lir-Registratur, datata 5 ta' April 2014, fejn infurmah li s-sekwestrat kellu *joint account* ma' terzi.

F'appell incidentali l-appellat sostna li l-ewwel provvediment ma pprovdietx ghal min ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez. Dan hu fatt. L-appellanti wiegbu li l-ewwel qorti uzat id-diskrezzjoni taghha u ghazlet li ma tghid xejn fuq l-ispejjez. Il-qorti ma taqbilx ma' din it-tezi tal-appellanti Cassar in kwantu fl-ebda parti tad-decizjoni m'hemm xi indikazzjoni li l-qorti kellha dak il-hsieb. Il-qorti temmen li dan in-nuqqas kien semplici oversight tal-ewwel qorti. Gialadarba t-talba tal-appellat intlaqghet u l-appellanti gew ikkundannati jhallsu penali ta' €1,164.69, mela Cassar kellhom jigu kkundannati jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell tal-appellanti u tilqa' l-appell incidentali tal-appellat bl-ispejjez kollha, inkluz dawk relatati mal-proceduri quddiem l-ewwel qorti, jithallsu mill-appellanti**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------